MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 556/2007

**Maltacom plc illum GO p.l.c. (C22334).**

**vs**

**Carmel Tonna.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Kummercjali Malatcom plc illum GO plc datat 18 ta’ Mejju 2007 a fol. 1 tal-process fejn esponiet:-

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Nru 2345/97 RCP) giet deciza minn din il-Qorti fid-9 ta’ Marzu 2000, fl-istess kawza l-konvenut kien gie ikkundannat ihallas lill-Maltacom plc is-somma ta' elfejn, tlieta u erbgfiin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm2,043.89 =

€4,760.98), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 245573 bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenut ghadu ma hallas xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikati, *oltre* mitejn, disgha u tmenin Liri Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu (Lm289.23 = €673.72 ) spejjez u drittijiet professjonali skont l-annessa taxxa mmarkata Dokument "A" kif ukoll elf, mija, tlieta u hamsin Liri Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm1,153.96 = €2,688.00), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-9 ta' Marzu 2000, id-data tas-sentenza, sal-5 ta' April 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti huwa ta' tliet elef, erba' mija, sebgha u tmenin Liri Maltin u tmien centezmi (Lm3,487.08 = € 8,122.71 ) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` esponenti ghandha nteress illi tipprocedi permezz tal-mandati opportuni sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi taghmel referenza ghall-**artikolu 258** *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (**Kap 12**) tal-Ligijiet ta' Malta titlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat li l-intimat notifikat ma pprezentax risposta u lanqas deher ghar-rikors u dan ghalkemm debitament notifikat skont il-ligi.

Rat li l-Prokuratur Legali Noel Scerri ghas-socjeta' rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri u dan kif jirrizulta fil-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju 2009.

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata u ghalhekk **tilqa' t-talba** tal-istess socjeta` rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------